MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-18 ta' April, 2012

Numru. 1074/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT VELLA**

**KONTRA**

**ROSA SAMMUT ta' 57 sena, bint John u Carmena nee' Deguara, imwielda r-Rabat nhar it-08.03.1955, residenti fil-fond Farmhouse, Blata tal-Melh, Bahrija, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 204455M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Rosa Sammut** li giet akkuzata talli:

1. Nhar l-01.08.2004, gewwa l-Habrija, l/o Rabat, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew

maghmula b'risoluzzjoni wahda, volontarjament hassret, jew ghamlet hsara, jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin izda anqas minn hames mitt lira Maltin, ghad-detriment ta' Francis Borg.

Rat li ma' l-interrogatorju l-imputata wiegbet li ma kinitx hatja ta' l-akkuzi kif migjuba kontra taghha, kif ukoll li ma kellha ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji. Rat f'dan ir-rigward li gie prezentat il-kunsens ghal tali proceduri mill-Avukat Generali.

Rat il-provi kollha prodotti, senjalament ix-xhieda Francis Borg li qal illi fil-proprjeta' tieghu li kien xtara fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon, Dok FB folio 27, kien ghamel xi alterazzjonijiet, ta l-konkos. Meta hu u ibnu regghu marru lura fuq is-sit, sabu fi kliemu terremot (folio 20). "Bricks mitfugha fil-giebja, kwantita' kbira, ilma maqlub, tankijiet f'nofs l-ghalqa, litteralment terremot." (folio 20). Xehed illi bejnu u bejn l-imputata kien hemm diverbji u nuqqas ta' qbil fuq l-art in kwistjoni, ghax skondtu din kienet qed tghid li l-art tieghu jew parti minnha kienet taghha. Issa, ghalkemm Francis Borg fil-fatt wahhal fl-imputata dwar l-agent tal-hsarat li sarulu fuq l-art in kwistjoni, qal ukoll illi hu ma kien ra lil hadd jaghmel dan.
Xehed ukoll dwar il-bricks maqluba li dawn kienu kbar pied u nofs, 9 pulzieri wisa' u gholi ta' ghaxar pulzieri u kwart. Zied illi kien hemm qrib 200 bricks.
Dwar it-tankijiet maqluba, qal illi dawn kienu ta' 45, tal-hadid, u tondi. Tant illi hareg l-ilma minnhom meta nqalbu ghal isfel, skondtu kien hemm tnejn jew tliet tankijiet.
Dwar il-hsara fil-konkos spjega li in kwantu l-bricks intefghu gholi ta' zewg sulari, gew fuq konkos li kien ghadu frisk.
Qal illi Rosa Sammut mas-Surgent ammettiet li ghamlet tali hsarat. Dan fil-fatt huwa rifless fil-PIRS ezebit (vide folio 39).

Rosa Sammut, l-imputata, li ghazlet li tiehu l-pedana, minn jeddha, kategorikament cahdet dan kollu, apparti

spejgazzjonijiet fit-tul tal-pretensjonijiet taghha fuq l-art in kwistjoni.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok, il-fatti kif prodotti mix-xhud principali Francis Borg, juru li sar fil-proprjeta’ dannu permezz ta’ caqlieq u elevar ta’ almenu 200 briksa u qlib ta’ tankijiet tal-45 mimlija bl-ilma. Din il-Qorti kellha cans ghal diversi seduti tara u tapprezza lill-imputata, u fin-nuqqas ta’ ammissjoni taghha, jew dedotta fi stqarrija mehuda skond il-Ligi jew mistqarra minnha bil-gurament, din il-Qorti ma tistax tasal biex tifhem kif mara daqshekk visibilment fragli setghet wahidha ghamlet tali terremot, kif sejjah tali hsarat il-parte leza.

Ghaldaqstant din il-Qorti, fuq l-iskorta tal-provi prodotta, qieghda tilliberaha mill-akkuzi kif dedotti kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------